



Brussell, 15 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6936/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0220(COD)

CODEC 549
INST 54
POLGEN 38
AG 7
PE 53

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUZZJONI*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

* L-iffommattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, is-Sur SCHÖPFLIN (PPE, HU), ippreżenta emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 61) għall-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Istituzzjonali. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

Barra minn hekk, il-GUE/NGL ressaq 14-il emenda (l-emendi 64 - 77) u l-EFDD ressaq żewġ emendi (l-emendi 62 - 63).

II. VOT

Meta vvotat fl-12 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 61) għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (COM(2017)0482 – C8-0308/2017 – 2017/0220(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2017)0482),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0308/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-23 ta' Marzu 2018²,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0226/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 74.

² ĠU C 247, 13.7.2018, p. 62.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) **jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Iċ-ċittadini tal-Unjoni (“iċ-ċittadini”) huma garantiti d-dritt li javviċinaw lill-Kummissjoni direttament** b'talba li fiha jistednuha tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan tal-implimentazzjoni tat-Trattati b'mod simili għad-dritt mogħti lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u lill-Kunsill skont l-Artikolu 241 TFUE. **B'hekk, l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-funzjonament demokratiku tal-Unjoni permezz tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u politika tagħha. Kif jirriżulta mill-istruttura tal-Artikolu 11 TUE u l-Artikolu 24 TFUE, l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jenħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' mezzi oħra li bihom iċ-ċittadini jistgħu jressqu ċerti kwistjonijiet għall-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u li jikkonsistu b'mod partikolari minn djalogu mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, petizzjonijiet u applikazzjonijiet lill-Ombudsman.**

¹ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 74.

² ĠU C 247, 13.7.2018, p. 62.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2019.

- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għal inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini u ġie kkumplementat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011².
- (3) Fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-31 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni elenkat għadd ta' sfidi li jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament u impenjat ruħha li tanalizza iżjed l-impatt ta' dawk il-kwistjonijiet dwar l-effettività tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u biex jittejjeb il-funzjonament tiegħu.
- (4) Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej³ ***u fir-rapport leġiżlattiv abbozzat tiegħu stess tas-26 ta' Ġunju 2017⁴***, talab lill-Kummissjoni biex tirrieżamina r-Regolament (UE) Nru 211/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1179/2011.
- (5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħmel l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u dawk li jappoġġawha, sabiex jissaħħa is-segwitu tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ **■ tagħha** bħala għodda biex tħeġġeġ id-dibattitu. ***Huwa jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-parteċipazzjoni ta' kemm jista' jkun ċittadini fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni ■***.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi tal-ġbir online skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 301, 18.11.2011, p. 3).

³ ĠU C 355, 20.10.2017, p. 17.

⁴ 2017/2024(INL).

- (6) Sabiex jintlaħqu daww l-oġġettivi, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva ta' ċittadini Ewropej jenħtieġ li jkunu *effettivi, trasparenti*, ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw, *aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà* u proporzjonati man-natura ta' dan l-istrument. Huma jenħtieġ li jilħqu bilanċ għaqli bejn id-drittijiet u l-obbligi *u jenħtieġ jiżguraw li inizjattivi validi jiġu eżaminati u mwiegħa kif xieraq mill-Kummissjoni*.
- (7) Jixraq li tiġi ffissata età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva. Dik l-età minima *jenħtieġ li tikkorrispondi mal-età li fiha ċ-ċittadini jkunu intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ta' ċittadini żgħażaġh fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u b'hekk jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva ta' ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva, l-Istati Membri li jqisu li jkun xieraq jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu l-età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva ta' 16-il sena u jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi b'mod perijodiku l-funzjonament tal-inizjattiva ta' ċittadini Ewropej, inkluż fir-rigward tal-età minima ta' min ikun jistgħu jappoġġa l-inizjattivi. L-Istati Membri huma mhegħa jikkunsidraw li jistabbilixxu l-età minima ta' 16-il sena f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom*.

- (8) F'konformità mal-Artikolu 11(4) TUE, inizjattiva li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati, jenħtieġ li tittieħed minn mhux anqas minn miljun ċittadin li huma ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-istrument jibqa' faċli li jintuża, dak in-numru jenħtieġ li jkun stabbilit għal kwart tal-Istati Membri.
- (10) Sabiex ikun żgurat li inizjattiva tkun rappreżentattiva u li l-kundizzjonijiet għaċ-ċittadini biex jappoġġaw inizjattiva huma simili, huwa xieraq ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' firmatarji li ġejjin minn kull wieħed minn daww il-Istati Membri. Daww in-numri minimi ta' firmatarji meħtieġa f'kull Stat Membru jenħtieġ li jkunu digressivament proporzjonali u li jikkorrispondu għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat *bin-numru totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew*.

- (11) *Sabiex l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej isiru aktar inklużivi u viżibbli, l-organizzaturi jistgħu jużaw għall-attivitajiet tagħhom stess ta' promozzjoni u ta' komunikazzjoni lingwi li mhumiex il-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li, skont l-ordni kostituzzjonali tal-Istati Membri, għandhom status uffiċjali fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu.*
- (12) Filwaqt li data personali pproċessata skont dan ir-Regolament tista' tinkludi data **■** sensitiva, minħabba n-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva, huwa ġġustifikat li jkun meħtieġ l-għoti ta' data personali li tappoġġa inizjattiva u l-ipproċessar ta' tali data sa fejn huwa meħtieġ sabiex ikun permess li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikunu verifikati f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

- (13) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipprovdi informazzjoni, assistenza u appoġġ prattiku liċ-ċittadini u l-gruppi tal-organizzaturi, b'mod partikolari dwar dawk l-aspetti ta' dan ir-Regolament fi ħdan il-kompetenza tagħha. Biex issaħħaħ din l-informazzjoni u l-assistenza, il-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li tagħmel pjattaforma kollaborattiva online disponibbli li ttipprovdi forum ta' diskussjoni ddedikat u appoġġ, informazzjoni u pariri legali indipendenti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. ***Il-pjattaforma jenħtieġ li tkun miftuħa għal ċittadini, gruppi ta' organizzaturi, organizzazzjonijiet u esperti esterni b'esperjenza fl-organizzazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej. Dan is-sit web jenħtieġ li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.***
- (14) ***Sabiex il-gruppi ta' organizzaturi jkunu jistgħu jimmaniġġjaw l-inizjattiva tagħhom matul il-proċedura, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel reġistru online għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ("reġistru") disponibbli. Biex titqajjem kuxjenza u tiġi żgurata t-trasparenza dwar l-inizjattivi kollha, ir-reġistru jenħtieġ li jinkludi sit web pubbliku li jipprovdi informazzjoni komprensiva dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, kif ukoll informazzjoni aġġornata dwar inizjattivi individwali, l-istatus tagħhom u s-sorsi ddikjarati ta' appoġġ u finanzjament abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-grupp ta' organizzaturi.***

- (15) Sabiex tiġi żgurata l-prossimità lejn iċ-ċittadini ***u biex titqajjem kuxjenza dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej***, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu punt ta' kuntatt wieħed jew aktar fit-territorji rispettivi tagħhom ■ biex jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni kif ukoll b'assistenza dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Tali informazzjoni u assistenza ***jenħtieġ li tikkonċerna, b'mod partikolari, dawk l-aspetti ta' dan ir-Regolament li l-implimentazzjoni tagħhom taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri, jew li jikkonċernaw il-liġi nazzjonali applikabbli, u li għalihom dawk l-awtoritajiet għalhekk ikunu fl-aħħar pożizzjoni biex jinfurmaw u jassistu liċ-ċittadini u gruppi ta' organizzaturi. Fejn xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li jifittxu sinerġiji ma' servizzi li jipprovdu appoġġ għall-użu ta' strumenti nazzjonali simili. Il-Kummissjoni, inklużi r-rappreżentazzjonijiet tagħha fl-Istati Membri, jenħtieġ li tiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar dawk l-attivitajiet ta' informazzjoni u assistenza, inkluż, fejn xieraq, attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell tal-Unjoni.***

- (16) Hemm bżonn ta' struttura organizzata minima sabiex titwettaq b'suċċess inizjattiva taċ-ċittadini. Dik jenħtieġ li tieġu l-forma ta' kumitat taċ-ċittadini, magħmul minn persuni fiżiċi (organizzaturi) li jkunu ġejjin minn tal-anqas seba' Stati Membri differenti, sabiex jitħeġġeġ il-ħruġ ta' kwistjonijiet mal-Ewropa kollha u biex titrawwem ir-riflessjoni dwar dawk il-kwistjonijiet. Għal raġunijiet ta' trasparenza u komunikazzjoni bla xkiel u effiċjenti, il-kumitat taċ-ċittadini jenħtieġ li jaħtar rappreżentanti biex jagħmlu kuntatt bejn il-kumitat taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura sħiħa. Il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li joħloq, skont il-liġi nazzjonali, entità legali li tamministra inizjattiva. Dik l-entità ġuridika jenħtieġ li titqies li hija l-grupp ta' organizzaturi għall-fini jiet ta' dan ir-Regolament.
- (17) ***Filwaqt li r-responsabbiltà u l-penali b'konnessjoni mal-ipproċessar ta' data personali ser jibqgħu rregolati skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkun responsabbli b'mod konġunt u insolidum, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għal kwalunkwe ħsara li jikkawżaw il-membri tiegħu fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-grupp ta' organizzaturi jkun soġġett għal penali xierqa għall-ksur ta' dan ir-Regolament.***

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (18) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi u biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-firem jinġabru għal inizjattiva li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u dan ir-Regolament, inizjattivi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu reġistrati mill-Kummissjoni qabel il-bidu tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini. Il-Kummissjoni jenħtieġ, meta tittratta r-reġistrazzjoni, tirrispetta ***b'mod sħiħ l-obbligu ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u l-prinċipju*** ġenerali ta' amministrazzjoni tajba ***kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

- (19) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar *effettiva u* aċċessibbli, ■ b'kont meħud tal-fatt li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jenħtieġ li jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati, *u biex jiġi żgurat li jiġu reġistrati kemm jista' jkun inizjattivi*, huwa xieraq li tiġi parzjalment irreġistrata inizjattiva f'każijiet meta biss parti jew partijiet ta' inizjattiva jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-inizjattivi jkunu rreġistrati parzjalment dment li parti ■ mill-inizjattiva, inklużi l-għanijiet prinċipali tagħha, ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li timplimenta t-Trattati u r-rekwiżiti kollha l-oħra ta' reġistrazzjoni jkunu ssodisfati. Jenħtieġ li ċ-ċarezza u t-trasparenza jiġu żgurati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni parzjali u l-firmatarji potenzjali jenħtieġ li jkunu infurmati dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni u dwar il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ qed jinġabru biss għal dak li jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva. *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-grupp ta' organizzaturi b'mod dettaljat biżżejjed dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha li ma tirreġistrax inizjattiva jew li tirreġistרהa biss parzjalment, u dwar ir-rimedji ġuridiċi u extraġuridiċi kollha possibbli disponibbli għalih.*

- (20) Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva jenħtieġ li jinġabru f'perjodu ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi taċ-ċittadini proposti jibqgħu rilevanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni, dak il-perjodu ta' żmien jenħtieġ li ma jkunx itwal minn 12-il xahar mid-data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir stabbilita mill-grupp ta' organizzaturi. ***Il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkollu r-responsabbiltà li jagħżel id-data tal-bidu tal-perjodu tal-ġbir fi żmien sitt xhur mir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva. Il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni bid-data magħżula mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel dik id-data. Sabiex tiżgura l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri dwar id-data kkomunikata mill-grupp ta' organizzaturi.***
- (21) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u ċ-ċittadini, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi u żżomm sistema ċentrali għall-ġbir online tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dik is-sistema jenħtieġ li tkun disponibbli bla ħlas għall-gruppi ta' organizzaturi u jenħtieġ li tinkludi l-karattersitiċi tekniċi meħtieġa li jagħmlu possibbli l-ġbir online, inkluż il-hosting u s-software, kif ukoll karatteristiċi ta' aċċessibbiltà li jiżguraw li ċ-ċittadini b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipprovd u appoġġ għall-inizjattivi. Din is-sistema jenħtieġ li tkun stabbilita u miżmuma skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46¹.

¹ **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).**

- (22) Iċ-ċittadini jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jappoġġaw l-inizjattivi permezz tal-internet jew f'forma stampata billi jipprovdu biss id-data personali stipulata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar jekk iridux jiġu inklużi fil-parti A jew B, rispettivament, tal-Anness III. Iċ-ċittadini li jużaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jenħtieġ li jkunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva **online** bl-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika jew permezz ta' firma elettronika *fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw il-karatteristiċi tekniċi rilevanti fi ħdan il-qafas ta' **dak** ir-Regolament **■**. Iċ-ċittadini jenħtieġ li jiffirmaw dikjarazzjoni ta' appoġġ darba biss.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tat-23 ta' Lulju 2014** dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

- (23) ***Biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema ċentrali ġdida ta' ġbir online***, grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li ***jkompli*** jkollu l-possibbiltà li jistabbilixxi s-sistemi ta' ġbir online tiegħu stess ***u li jiġbor*** dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ***permezz ta' din is-sistema għal inizjattivi reġistrati skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2022***. Il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li juża sistema individwali ta' ġbir online waħda għal kull inizjattiva. Is-sistemi individwali ta' ġbir online imwaqqfa u mħaddma minn grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkollhom karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati sabiex jiżguraw li d-data tinġabar, tinħażen u tiġi trasferita b'mod sigur matul il-proċedura. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi individwali ta' ġbir online, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Għandu jkun possibbli li l-Kummissjoni titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), li tassisti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mas-sigurtà tan-network u s-sistemi ta' informazzjoni.

- (24) Huwa xieraq li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi individwali ta' ġbir online stabbiliti mill-grupp ta' organizzaturi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li joħorġu dokument li jiċċertifika tali konformità, qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi individwali ta' ġbir online jenħtieġ li titwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema individwali ta' ġbir online. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza taħt ir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnominaw l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi. L-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
- (25) Meta inizjattiva tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji, kull Stat Membru jenħtieġ li jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati miċ-ċittadini tiegħu, sabiex jiġi vvalutat jekk ikunx intlaħaq l-għadd minimu ta' firmatarji meħtieġ li jkollhom id-dritt li jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, tali verifiki jenħtieġ li jitwettqu fuq il-bażi ta' kontrolli adatti, li jistgħu jkunu bbażati fuq teħid ta' kampjuni b'mod każwali. L-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.

- (26) Sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjonijiet imqajma permezz tal-inizjattivi, fejn inizjattiva appoġġata mill-ġhadd meħtieġ ta' firmatarji u li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni, il-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkollu d-dritt li jippreżenta dik l-inizjattiva waqt seduta tas-smiġh pubblika fil-livell tal-Unjoni. ■ Il-Parlament Ewropew *jenħtieġ li jorganizza s-smiġh pubbliku* fi żmien tliet xhur mit-tressiq tal-inizjattiva *lill-Kummissjoni*. Il-Parlament Ewropew *jenħtieġ li* jiżgura rappreżentanza bilanċjata tal-interessi *tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-esperti*. Il-Kummissjoni *jenħtieġ li tiġi rappreżentata fuq livell adegwat*. Il-Kunsill, istituzzjonijiet u korpi konsultattivi oħra tal-Unjoni, kif ukoll partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fis-smiġh skont is-suġġett *sabiex tiġi garantita n-natura inklużiva tiegħu u biex jissaħħaħ l-interess pubbliku tiegħu*.
- (27) *Il-Parlament Ewropew, bħala l-istituzzjoni li fiha ċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun intitolat li jevalwa l-appoġġ għal inizjattiva valida wara t-tressiq tagħha u wara smiġh pubbliku dwarha. Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkun jista' wkoll jivvaluta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni bi tweġiba għall-inizjattiva u deskritti fil-komunikazzjoni tagħha.*

- (28) Sabiex tkun żgurata l-parteċipazzjoni effettiva ta' ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina inizjattiva valida u twieġeb għaliha. Il-Kummissjoni jenħtieġ għalhekk li tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha kif ukoll l-azzjoni li biġsibha tiegħu, fi żmien *sitt* xhur mill-wasla tal-inizjattiva. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispjega b'mod ċar, li jinftiehem u dettaljat ir-raġunijiet għall-azzjoni li tkun biġsibha tiegħu, *inkluż jekk hijiex se tadotta proposta għal att legali tal-Unjoni bi tveġiba għall-inizjattiva*, u bl-istess mod jenħtieġ li tagħti r-raġunijiet tagħha, jekk ma tkun biġsibha tiegħu l-ebda azzjoni. *Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-inizjattivi skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba kif stabbiliti fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

- (29) *Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-finanzjament u l-appoġġ tiegħu, jenħtieġ li l-grupp ta' organizzaturi jipprovdu b'mod regolari informazzjoni aġġornata u dettaljata dwar is-sorsi ta' **finanzjament u ta' appoġġ** għall-inizjattivi tiegħu bejn id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva titressaq lill-Kummissjoni. **Din l-informazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru u fis-sit web pubbliku dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Id-dikjarazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament u appoġġ mill-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar għajjnuna finanzjarja li teċċedi EUR 500 għal kull sponsor, kif ukoll dwar organizzazzjonijiet li jassistu lill-grupp ta' organizzaturi, fuq bażi volontarja, fejn tali appoġġ ma jkunx ekonomikament kwantifikabbli.** L-entitajiet, l-aktar dawk l-organizzazzjonijiet li skont it-Trattati jikkontribwixxu għat-trawwim ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun jistgħu jippromwovu u jipprovdu **finanzjament u appoġġ** għal inizjattivi, bil-kundizzjoni li jagħmlu dan f'konformità mal-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament .*
- (30) *Biex tkun żgurata trasparenza sħiħa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli formula ta' kuntatt, fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, sabiex ċ-ċittadini jkollhom il-possibbiltà li jippreżentaw ilment relatat mal-kompletezza u l-korrettezza tal-informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament u appoġġ kif iddikjarati mill-gruppi ta' organizzaturi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun intitolata titlob mingħand il-grupp ta' organizzaturi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-ilmenti u, fejn meħtieġ, li taġġorna l-informazzjoni, fir-reġistru, dwar is-sorsi ddikjarati ta' finanzjament u appoġġ.*

- (31) Ir-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq taħt dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, għal raġuni ta' ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi jew, fejn applikabbli, l-entità legali maħluqa bl-iskop tal-ġestjoni tal-inizjattiva, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu kkunsidrati **■** li huma l-kontrolluri tad-data skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679, ***fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali meta jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-indirizzi elettroniċi u d-data dwar l-isponsors tal-inizjattivi, u għall-finijiet ta' verifika u ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ*** u li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li fih id-data personali miġbura għall-finijiet ta' inizjattiva tkun tista' tinżamm. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-data, ir-rappreżentanti tal-grupp ta' organizzaturi, jew, fejn applikabbli, l-entità legali maħluqa għall-finijiet ta' ġestjoni tal-inizjattiva, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jikkonformaw mal-obbligi imposti bir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari dawk dwar il-legalità tal-ipproċessar **u** s-sigurtà tal-attivitajiet ta' pproċessar, l-ġhoti ta' informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

- (32) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹ japplika għall-ipproċessar ta' data personali li jsir mill-Kummissjoni b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. *Huwa xieraq li jiġi èċarat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun ikkunsidrata l-kontrollur tad-data fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fir-reġistru, il-pjattaforma kollaborattiva online, is-sistema ċentrali ta' ġbir online u l-ġbir tal-indirizzi tal-posta elettronika. Is-sistema ċentrali ta' ġbir online li tippermetti lill-gruppi ta' organizzaturi jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattivi tagħhom online jenħtieġ li tiġi stabbilita u mħaddma mill-Kummissjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni u r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi jew, fejn applikabbli, l-entità ġuridika maħluqa biex tmexxi l-inizjattiva jenħtieġ li jkunu kontrolluri konġunti fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-sistema ċentrali ta' ġbir online.*
- (33) Sabiex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni, il-Kummissjoni *jenħtieġ li tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, bl-użu b'mod partikolari tat-teknoloġiji diġitali u l-midja soċjali, u fil-qafas ta' azzjonijiet li jippromwovu ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet taċ-ċittadini. Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.*

¹ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (34) *Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-firmatarji u biex jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet ta' segwitu bi tweġiba għal inizjattiva*, il-Kummissjoni u l-grupp ta' organizzaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġbru, skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-data, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-firmatarji **■**. Il-ġabra ta' indirizzi tal-posta elettronika jenħtieġ li tkun fakultattiva u soġġetta għall-kunsens *espliċitu* tal-firmatarji. L-indirizzi tal-posta elettronika jenħtieġ li ma jinġabrux bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-firmatarji potenzjali jenħtieġ li jkunu infurmati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhuwiex soġġett għall-fatt li jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġbru l-indirizz tal-posta elettronika.
- (35) Sabiex dan ir-Regolament jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadottata atti skont l-Artikolu 290 **■** *TFUE* fir-rigward tal-emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (36) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi tal-ġbir online f'konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (37) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-għan bażiku għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika u politika tal-Unjoni li jiġu stabbiliti regoli dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan maħsub, skont l-Artikolu 5(4) TUE.
- (38) Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ■ .
- (39) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' ċarezza, ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 jenħtieġ li jitħassar.
- (40) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u ta' kummenti formali fid-19 ta' Diċembru 2017,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13-18).

² Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati (minn hawn 'il quddiem "l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej" jew "inizjattiva").

Artikolu 2

Id-dritt li wieħed jappoġġa inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

1. Kull ċittadin tal-Unjoni li jkun mill-inqas ***l-età biex ikun intitolat li jivvota fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew*** għandu d-dritt li jappoġġa inizjattiva billi jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-età minima ta' 16-il sena li tintitola għall-appoġġ ta' inizjattiva, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, u f'tali każ huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. *F'konformità mal-liġi applikabbli, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattivi u jkunu jista' jkollhom aċċess għas-sorsi rilevanti kollha ta' informazzjoni dwar inizjattivi, fuq bażi ugwali ma' ċittadini oħra.*

Artikolu 3

L-għadd meħtieġ ta' firmatarji

1. Inizjattiva hija valida jekk:
- (a) irċeviet l-appoġġ ta' mill-inqas miljun ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu 2(1) (“firmatarji”) minn mill-inqas kwart tal-Istati Membri; **u**
 - (b) f'mill-inqas kwart tal-Istati Membri, in-numru ta' firmatarji huwa mill-inqas daqs in-numru minimu stabbilit fl-Anness I, li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat **bin-numru totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew**, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, firmatarju għandu jingħadd fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tiegħu, **irrispettivament mill-post fejn il-firmatarju jkun iffirma d-dikjarazzjoni ta' appoġġ.**

Artikolu 4

Informazzjoni u assistenza mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha ▯ ttiprovdi ***aċċess faċli u komprensiv għal*** informazzjoni u assistenza dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej liċ-ċittadini u l-gruppi ta' organizzaturi, ***inkluż billi tiddirigihom mill-ġdid lejn is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni u assistenza.***

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed gwida dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, kemm fuq l-internet kif ukoll f'forma stampata, u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ***pjattaforma kollaborattiva*** fuq l-internet ▯ ***għall-***inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej disponibbli, bla ħlas.

Il-pjattaforma għandha ttiprovdi pariri prattiċi u legali, u forum ta' diskussjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki fost iċ-ċittadini, gruppi ta' organizzaturi, partijiet ikkonċernati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, esperti u istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni li jixtiequ jipparteċipaw.

Din il-pjattaforma għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

L-ispejjeż għall-istabbiliment, it-tħaddim u ż-żamma ta' pjattaforma għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel reġistru online disponibbli li jippermetti gruppi ta' organizzaturi jimmaniġġjaw l-inizjattiva tagħhom matul il-proċedura.

Ir-reġistru għandu jinkludi sit web pubbliku li jipprovdi informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali kif ukoll dwar inizjattivi speċifiċi u l-istatus rispettiv tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha taġġorna r-reġistru b'mod regolari billi tagħmel l-informazzjoni ppreżentata mill-grupp ta' organizzaturi disponibbli.

4. Wara li l-Kummissjoni tirreġistra inizjattiva skont l-Artikolu 6, din għandha ttipprovdi traduzzjoni tal-kontenut ta' dik l-inizjattiva, ***inkluż l-anness tagħha***, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ***fj ħdan il-limiti stabbiliti fl-Anness II***, għall-pubblikazzjoni tagħha fir-reġistru u l-użu tagħha għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament. ■

Il-grupp ta' organizzaturi jista', barra minn hekk, jipprovdi traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ***tal-informazzjoni addizzjonali dwar l-inizjattiva u, jekk jeżisti, abbozz ta' att legali msemmi fl-Anness II, ippreżentat f'konformità mal-Artikolu 6(2). Dawk it-traduzzjonijiet għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-organizzaturi. Il-kontenut tat-traduzzjonijiet ipprovduti mill-grupp ta' organizzaturi għandu jikkorrispondi għall-kontenut tal-inizjattiva ppreżentata skont l-Artikolu 6(2).***

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 6(2) u t-traduzzjonijiet ippreżentati skont dan il-paragrafu.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa servizz ta' skambju ta' fajls ■ għat-trasferiment ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12, ■ u tagħmlu disponibbli ■ bla ħlas ***għall-grupp ta' organizzaturi.***
6. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt wieħed jew aktar sabiex jipprovdu, ***bla ħlas***, informazzjoni u assistenza lill-gruppi ta' organizzaturi ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli.***

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 5

Grupp ta' organizzaturi

1. Inizjattiva għandha tiġi ppreparata u ġestita minn grupp ta' mill-inqas seba' persuni fiżiċi (il-"grupp ta' organizzaturi"). Il-membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx jgħoddu għall-finijiet ta' dak l-għadd minimu.
2. Il-membri tal-grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni ta' età xierqa biex ikunu intitolati jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-grupp għandu jinkludi residenti ta' mill-anqas seba' Stati Membri *differenti, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva*.

Għal kull inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ismijiet tal-membri kollha tal-grupp ta' organizzaturi fir-reġistru skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jaħtar tnejn mill-membri tiegħu bħala, rappreżentant u sostitut, rispettivament, li għandhom ikunu responsabbli sabiex jikkollaboraw bejn il-grupp ta' organizzaturi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha u li għandu jkollhom mandat biex jaġixxu fisem il-grupp ta' organizzaturi (il-"persuni ta' kuntatt").

Il-grupp ta' organizzaturi jista' wkoll jinnomina massimu ta' żewġ persuni fiżiċi oħra, magħżula minn fost il-membri tiegħu jew b'xi mod ieħor, li huma awtorizzati li jaġixxu fisem persuni ta' kuntatt għall-finijiet ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha.

4. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni b'kull tibdil fir-rigward tal-kompożizzjoni tiegħu matul il-proċedura kollha u għandu jipprovdi provi xierqa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ikunu ssodisfati. Il-bidliet fil-kompożizzjoni ta' grupp ta' organizzaturi għandhom jiġu riflessi fil-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-ismijiet tal-membri preżenti u passati tal-grupp ta' organizzaturi għandhom jibqgħu disponibbli fir-reġistru matul il-proċedura kollha.
5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tar-rappreżentant ta' grupp ta' organizzaturi bħala l-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 82(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-membri ta' grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u *in solidum* ■ għal kwalunkwe ħsara kkawżata matul l-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja, skont il-liġi nazzjonali ***applikabbli***.

6. Mingħajr preġudizzju għall-penali taħt l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri ta' grupp ta' organizzaturi jkunu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, soġġetti għal penali effettivi, proporzjonati u dissuażivi għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:
- (a) dikjarazzjonijiet foloz;
 - (b) l-użu frodulenti tad-data.
7. Fejn entità ġuridika ġiet maħluqa, skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru b'mod speċifiku għall-finijiet ta' ġestjoni ta' inizjattiva partikolari, dik l-entità ġuridika għandha titqies li hija grupp ta' organizzaturi jew il-membri tiegħu, għall-fini, kif applikabbli, tal-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 6(2) u (4) sa (7) u l-Artikoli 7 sa 19 u l-Annessi II sa VII, sakemm membru tal-grupp ta' organizzaturi maħtur bħala r-rappreżentant tiegħu għandu s-setgħa jaġixxi f'isem l-entità ġuridika.

Artikolu 6
Reġistrazzjoni

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizzjattiva jistgħu jinġabru biss wara li l-inizzjattiva tkun ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni.
2. Il-grupp ta' organizzaturi għandhom jippreżentaw it-talba għal reġistrazzjoni lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru.

Meta jippreżenta t-talba il-grupp ta' organizzaturi għandu wkoll:

- (a) jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
- (b) jindika s-seba' membri li jridu jitqiesu għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u (2), fejn il-grupp ta' organizzaturi jkun magħmul minn aktar minn seba' membri;
- (c) fejn rilevanti, jindika li entità ġuridika nħolqot, skont l-Artikolu 5(7).

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5 u 6, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba għal reġistrazzjoni fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva jekk:

- (a) il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza biżżejjed li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u jkun ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3);
- (b) fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7), l-entità ġuridika għet mahuqa bl-għan speċifiku li tiżgura l-ġestjoni ta' din l-inizjattiva u membru tal-grupp ta' organizzaturi maħtur bħala r-rappreżentant tiegħu jingħata ***l-mandat*** li jaġixxi f'isem l-entità ġuridika;
- (c) l-ebda mill-partijiet tal-inizjattiva ma jaqgħu manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;
- (d) li l-inizjattiva ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja;
- (e) li l-inizjattiva ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 2 ***TUE u d-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

Għall-finijiet jiġi stabbilit jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu humiex issodisfatti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-grupp ta' organizzaturi skont il-paragrafu 2.

Jekk wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma jkunx sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta li tirreġistra inizjattiva, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5.

4. Fejn tqis li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti(a), (b), (d) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 huma ssodisfatti iżda li r-rekwiżit stabbilit fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 mhux issodisfat, il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahar minn meta titressaq it-talba, tgħarraf lill-grupp ta' organizzaturi bil-valutazzjoni tagħha u r-raġunijiet għaliha.

F'tali każ, il-grupp ta' organizzaturi jista' jew jemenda l-inizjattiva biex iqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-inizjattiva tkun konformi mar-rekwiżit stipulat ***fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, ■*** jew iżomm, jew jirtira, l-inizjattiva inizjali. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-għażla tiegħu fi żmien ***xahrejn*** mill-wasla tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet tiegħu, u għandu, jippreżenta emendi, jekk hemm, għall- inizjattiva inizjali.

Fejn il-grupp ta' organizzaturi jemenda jew iżomm l-inizjattiva inizjali tiegħu skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tirreġistra l-inizjattiva, jekk tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ;
- (b) tirreġistra parzjalment l-inizjattiva, jekk parti tal-inizjattiva, inklużi l-għanijiet ewlenin tagħha, ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;
- (c) inkella, tirrifjuta li tirreġistra l-inizjattiva.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar din it-talba fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu mill-grupp ta' organizzaturi.

5. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

Fejn il-Kummissjoni tirreġistra parzjalment inizjattiva

għandha tippubblika informazzjoni dwar l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva fir-reġistru.

F'tali każ, il-grupp ta' organizzaturi għandu jiżgura li l-firmatarji potenzjali jiġu infurmati dwar l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva u tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru biss f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva taħt numru ta' reġistrazzjoni uniku u tgħarraf lill-grupp ta' organizzaturi biha.
7. Fejn tirrifjuta li tirreġistra jew inkella li tirreġistra b'mod parzjali inizjattiva taċ-ċittadini skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha ***tiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u*** tinforma lill-grupp ta' organizzaturi. ***Hija għandha tinforma wkoll lill-grupp ta' organizzaturi dwar*** ir-rimedji ġudizzjarji u extraġudizzjarji kollha possibbli disponibbli għalih.
- Il-Kummissjoni għandha tqiegħed id-deċiżjonijiet kollha dwar talbiet għal reġistrazzjoni li hija tadotta skont dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.***
8. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-reġistrazzjoni ta' inizjattiva.

Artikolu 7
Irtirar ta' inizjattiva

F'kull ħin qabel ma jippreżenta l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13, il-grupp ta' organizzaturi jista' jirtira inizjattiva li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 6. Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fir-reġistru.

Artikolu 8
Perjodu ta' ġbir

1. Kull dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tinġabar fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar minn data magħżula mill-grupp ta' organizzaturi (il-"perjodu ta' ġbir"), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(6). Dik id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn sitt xhur wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 6.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-data magħżula mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel dik id-data.

Fejn, **matul il-perjodu ta' ġbir**, il-grupp ta' organizzaturi jkun jixtieq itemm il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ġbir ■ , huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni **b'dik l-intenzjoni mill-anqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel** id-data l-ġdida magħżula għat-tmiem tal-perjodu ta' ġbir.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tindika d-dati tal-bidu u t-tmiem tal-perjodu tal-ġbir fir-reġistru.
3. Il-Kummissjoni għandha tagħlaq l-operazzjoni tas-sistema ċentrali ta' ġbir online msemmija fl-Artikolu 10, u l-grupp ta' organizzaturi għandhom jagħlqu l-operazzjoni ta' sistema individwali ta' ġbir online msemmija fl-Artikolu 11, fid-data li fiha jintemm il-perjodu ta' ġbir.

Artikolu 9

Proċedura għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jiġu ffirmati online jew f'forma stampata.
2. Jistgħu jintużaw biss formoli li jikkonformaw mal-mudelli stabbiliti fl-Anness III biex jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

L-organizzaturi għandhom jimlew il-formoli msemmija fl-Anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi għall-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

Fejn il-grupp ta' organizzaturi jagħżel li jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online prevista fl-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli li ttiprovdi formoli xierqa, skont l-Anness III.

Meta inizjattiva tkun ġiet parzjalment reġistrata skont l-Artikolu 6(4), il-formoli stabbiliti fl-Anness III kif ukoll is-sistema ċentrali ta' ġbir online u s-sistema individwali ta' ġbir online, kif applikabbli, għandha tirrifletti l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva. Il-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jiġu adattati għall-fini tal-ġbir online ***jew f'forma stampata.***

L-Anness III ma għandux japplika meta ċ-ċittadini jappoġġaw inizjattiva online, permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online imsemmija fl-Artikolu 10, bl-użu tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 imsemmija fl-Artikolu 10(4) ***ta' dan ir-Regolament.*** Iċ-ċittadini għandhom jipprovdu n-nazzjonalità tagħhom u l-Istati Membri għandhom jaċċettaw is-sett minimu ta' data għal persuna fiżika skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501¹.

3. Persuna li tiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tkun meħtieġa li ttiprovdi biss id-data personali mniżżla fl-Anness III.

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501 tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-qafas ta' interoperabbiltà skont l-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 1).

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar jekk jixtiequx jiġu inklużi fil-parti A jew B, rispettivament, tal-Anness III sat-30 ta' Ġunju 2019. L-Istati Membri li jixtiequ jiġu inklużi fil-parti B tal-Anness III, għandhom jindikaw it-tip(i) ta' numru (tad-dokument) ta' identifikazzjoni personali msemmi fih **■** .

Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-formoli stabbiliti fl-Anness III fir-reġistru.

Stat Membru inkluż f'parti waħda tal-Anness III jista' jitlob lill-Kummissjoni biex jiġi ttrasferit fil-parti l-oħra tal-Anness III. Hija għandha tagħmel it-talba tagħha lill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel id-data li minnha l-formoli ġodda ser ikunu applikabbli.

5. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji f'forma stampata.
6. Persuna tista' tiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ għal inizjattiva darba biss.

7. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'kull Stat Membru mill-anqas kull xahrejn matul il-perjodu ta' ġbir u tal-għadd finali fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir għall-pubblikazzjoni fir-reġistru.

Fejn l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġ ma ntlaħaqx jew fin-nuqqas ta' tweġiba mill-grupp ta' organizzaturi fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' ġbir, il-Kummissjoni għandha tagħlaq l-inizjattiva u tippubblika avviż għal dak l-għan fir-reġistru.

Artikolu 10

Sistema ċentrali ta' ġbir online

1. Għall-fini tal-ġbir online ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sal-1 ta' Jannar 2020, u topera minn dik id-data, sistema ċentrali ta' ġbir online, f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

L-ispejjeż tal-istabbiliment u l-operat tas-sistema ċentrali ta' ġbir online għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-użu ta' sistema ċentrali ta' ġbir online għandu jkun bla ħlas.

Is-sistema ċentrali ta' ġbir online għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

Id-data miksuba permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online għandha tinħażen f'servers disponibbli mill-Kummissjoni għal dak l-għan.

Is-sistema ċentrali ta' ġbir online għandha tippermetti li jittellgħu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata.

2. Għal kull inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online matul il-perjodu ta' ġbir determinat skont l-Artikolu 8.
3. ■ Sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tal-perjodu ta' ġbir, il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar jekk jixtieqx juża s-sistema ċentrali ta' ġbir online u jekk jixtieqx itella' d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'forma stampata.

Fejn grupp ta' organizzaturi jixtieq itella' daww id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata, dan għandu jtellgħu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha miġburin f'forma stampata sa mhux aktar tard minn xahrejn wara t-tmiem tal-perjodu ta' ġbir, u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) iċ-ċittadini jistgħu jappoġġaw inizzjattivi online permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ billi jużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati jew jiffirmaw id-dikjarazzjoni ta' appoġġ b'firma elettronika fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 ¹ ;
- (b) in-nodu tal-Kummissjoni e-IDAS żviluppat fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni ² (UE) 2015/1501 jkun rikonoxxut.

5. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati dwar żviluppi u titjib ulterjuri tas-sistema ċentrali ta' ġbir online biex jitqiesu s-suġġerimenti u t-tħassib tagħhom.***

Artikolu 11

Sistemi individwali ta' ġbir online

1. Fejn grupp ta' organizzaturi ma jużax is-sistema ċentrali ta' ġbir online, dan jista' jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online f'diversi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha permezz ta' sistema unika ta' ġbir online oħra ("is-sistema individwali ta' ġbir online").

Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru online, id-data li tinkiseb online permezz tas-sistema ta' ġbir online għandha tinħażen fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir online tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18(3) tul il-perjodu tal-ġbir.
3. Wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva u qabel il-bidu tal-perjodu tal-ġbir, u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali taħt il-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) 2016/679, il-grupp ta' organizzaturi għandu jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih id-data miġbura permezz tas-sistema individwali ta' ġbir online tinħażen biex jiġi ċċertifikat li dik is-sistema tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Fejn sistema individwali ta' ġbir online tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat għal dak l-effett skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV fi żmien xahar mit-talba. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jagħmel kopja ta' dak iċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web użat għas-sistema individwali ta' ġbir online.

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

4. Is-sistemi individwali ta' ġbir online għandu jkollhom karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw tul il-perjodu tal-ġbir li:

- (a) persuni fiżiċi biss ikunu kapaċi jiffirmaw dikjarazzjoni ta' appoġġ;
- (b) l-informazzjoni provduta dwar l-inizjattiva tikkorrispondi mal-informazzjoni ppubblikata fir-reġistru;
- (c) id-data tinġabar mill-firmatarji skont l-Anness III;
- (d) id-data pprovduta mill-firmatarji tinġabar u tinħażen b'mod sigur.

5. Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 22.

Il-Kummissjoni tista' titlob parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infomazzjoni ('ENISA') fl-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemija fl-ewwel subparagrafu.

6. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz ta' sistema individwali ta' ġbir online, il-perjodu tal-ġbir jista' jibda biss ladarba ċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3 ikun inħareġ għal dik is-sistema

7. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għall-inizjattivi reġistrati skont l-Artikolu 6 tal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 12

Verifika u ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jivverifika u jiċċertifika li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati miċ-ċittadini tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament (l-"Istat Membru responsabbli").
2. Fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, miġburin online jew f'forma stampata, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 20(2) tal-Istat Membru responsabbli.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti biss meta l-għadd minimu ta' firmatarji stabbiliti fl-Artikolu 3 jintlaħaq.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandhom jintbagħtu lil kull awtorità kompetenti fl-Istat Membru responsabbli darba biss, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, li ġew miġburin online għandhom jiġu ppreżentati skont formola elettronika standard disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata kif ukoll għal dawk miġburin permezz ta' sistema individwali ta' ġbir online għandhom jiġu ppreżentati separatament.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online kif ukoll dawk miġbura f'forma stampata u mtella' skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tal-awtorità kompetenti tal- Istat Membru responsabbli hekk kif ***il-grupp ta' organizzaturi jkun ippreżenta l-formola li tinsab fl-Anness V lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.***

Fejn grupp ta' organizzaturi ġabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz ta' sistema individwali ta' ġbir online, jista' jitlob lill-Kummissjoni tippreżentahom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dikjarazzjoni ta' appoġġ skont it-tieni sar-raba' subparagrafu ta' paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bl-użu tas-servizz għall-iskambju tal-fajls imsemmi fl-Artikolu 4(5).

4. Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikawhom fuq il-bażi ta' kontrolli adatti, li jistgħu jkunu bbażati fuq teħid ta' kampjuni b'mod każwali, f'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali.

Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru online kif ukoll f'forma stampata huma ppreżentati separatament, dak il-perjodu għandu jibda jiskorri meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha.

Għall-għan tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtentikazzjoni tal-firem m'għandhiex tkun meħtieġa.

5. Fuq il-bażi tal-verifiki mwettqa, l-awtorità kompetenti għandha tiċċertifika l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għall-Istat Membru kkonċernat. Dak iċ-ċertifikat għandu jingħata, mingħajr ħlas, lill-grupp ta' organizzaturi, bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness VI.

Iċ-ċertifikat għandu jispeċifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi miġbura f'forma stampata u online, inkluż dawk miġburin f'forma stampata u mtella' skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3).

Artikolu 13

Preżentazzjoni lill-Kummissjoni

Fi żmien tliet xhur minn meta jikseb l-aħħar ċertifikat previst fl-Artikolu 12(5) il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta l-inizjattiva lill-Kummissjoni.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta l-formola mimlija kif stipulat fl-Anness VII flimkien mal-kopji, f'forma stampata jew elettronika, taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 12(5).

Il-formola stipulata fl-Anness VII għandha ssir disponibbli għall-pubbliku mil-Kummissjoni fir-reġistru.

Artikolu 14

Pubblikazzjoni u smiġh pubbliku

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva valida li għaliha jkunu nġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġew iċċertifikati skont l-Artikoli 8 sa 12, din għandha tippubblika minnufih avviż għal dak l-għan fir-reġistru u tittrażmetti l-inizjattiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, ***kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.***

2. Fi żmien tliet xhur **mill**-preżentazzjoni tal-inizjattiva, il-grupp ta' organizzaturi għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-inizjattiva waqt smiġ pubbliku **organizzat mill-Parlament Ewropew**.

Il-**Parlament Ewropew** għandu **jorganizza** s-smiġ pubbliku **fil-bini tiegħu**.

Il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata fis-seduta f'livell xieraq.

Il-Kunsill, istituzzjonijiet u korpi konsultattivi oħra tal-Unjoni, **il-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili** għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fis-smiġ.

- Il-Parlament Ewropew** għandu jiżgura rappreżentazzjoni bilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti.^{3.} **Wara s-smiġ pubbliku, il-Parlament Ewropew għandu jivvaluta l-appoġġ politiku għall-inizjattiva.**

Artikolu 15

Eżami mill-Kummissjoni

1. Fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva **f'konformità mal-Artikolu 13**, il-Kummissjoni għandha tirċievi lill-grupp ta' organizzaturi f'livell xieraq biex tippermettilu jispjega fid-dettall **l-objettivi tal-inizjattiva**.

2. Fi żmien **sitt** xhur **mill**-pubblikazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 14(1), u wara s-smigħ pubbliku msemmi fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet finali legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li biġsiebha tiegħu, jekk se tiegħu azzjoni, u r-raġunijiet għalfejn se tiegħu jew mhux se tiegħu dik l-azzjoni.

Meta l-Kummissjoni tkun biġsiebha tiegħu azzjoni bi tveġiba għall-inizjattiva, inkluż, fejn xieraq, l-adozzjoni ta' waħda jew iktar proposti għal att legali tal-Unjoni, il-komunikazzjoni għandha tistabbilixxi wkoll l-iskeda ta' żmien prevista għal dawn l-azzjonijiet.

Il-komunikazzjoni għandha tiġi notifikata lill-grupp ta' organizzaturi kif ukoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, u għandha tiġi ppubblikata.

3. Il-Kummissjoni u l-grupp ta' organizzaturi **għandhom** jinfurmaw lill-firmatarji dwar ir-rispons għall-inizjattiva skont l-Artikolu 18(2) u (3).

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fil-komunikazzjoni adottata b'rispons għall-inizjattiva.

Artikolu 16

Segwitu mill-Parlament Ewropew għall-inizjattivi taċ-ċittadini ta' suċċess

Il-Parlament Ewropew għandu jivvaluta l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni bħala riżultat tal-komunikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 15(2).

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRAJN

Artikolu 17

Trasparenza

- I.* Il-grupp ta' organizzaturi għandu jipprovdi, għall-pubblikazzjoni fir-reġistru u, fejn xieraq, fuq is-sit web tal-kampanja tiegħu, informazzjoni **ċara, preċiża u komprensiva** dwar is-sorsi ta'  finanzjament għall-inizjattiva li jaqbeż il-EUR 500 għal kull sponsor.

Is-sorsi ta' finanzjament u appoġġ iddikjarati, inkluż l-isponsors, u l-ammonti korrispondenti, għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li appoġġawh fuq bażi volontarja, meta dan l-appoġġ ma jkunx kwantifikabbli ekonomikament.

Din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata tal-inqas darba kull xahrejn matul il-perjodu bejn id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 13. ***Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod ċar u aċċessibbli fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.***

2. ***Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata titlob li l-grupp ta' organizzaturi jipprovdu kwalunkwe informazzjoni u kjarifika addizzjonali dwar is-sorsi ta' finanzjament u appoġġ iddikjarati f'konformità ma' dan ir-Regolament.***
3. ***Il-Kummissjoni għandha tagħti l-possibbiltà li ċ-ċittadini jressqu lment relatat mal-kompletezza u l-korrettezza tal-informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament u appoġġ kif iddikjarat mill-gruppi ta' organizzaturi u tagħmelformola ta' kuntatt disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru u fuq is-sit web pubbliku tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej għal dak il-għan.***

Il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' lmenti riċevuti skont dan il-paragrafu mingħand il-grupp ta' organizzaturi, u, kif xieraq, taġġorna l-informazzjoni dwar is-sorsi iddikjarati ta' finanzjament u appoġġ fir-reġistru.

Artikolu 18
Komunikazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-eżistenza, ***l-objettivi u l-funzjonament*** tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u kampanji ta' informazzjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Għall-finijiet tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni rigward l-inizjattiva kkonċernata u soġġett għal kunsens ***esplīċitu*** minn firmatarju, l-indirizz elettroniku tiegħu jista' jinġabar minn grupp ta' organizzaturi jew mill-Kummissjoni.

Firmatarji potenzjali għandhom jiġu informati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhux kundizzjonali fuq jekk jagħtux il-kunsens tagħhom biex jinġabar l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom.

3. L-indirizzi tal-posta elektronika ma jistgħux jinġabru bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ. Madankollu, dawn jistgħu jinġabru fl-istess ħin mad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, sakemm ikunu pproċessati b'mod separat.

Artikolu 19

Protezzjoni ta' data personali

1. Ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi għandu jkun il-kontrollur tad-data fit-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 ***fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali meta jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-indirizzi tal-posta elettronika u d-data dwar l-isponsors tal-inizjattivi.*** Fejn l-entità ġuridika msemmija fl-Artikolu 5(7) ta' dan ir-Regolament tinħoloq, dik l-entità għandha tkun il-kontrollur tad-data.
2. ***L-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu l-kontrolluri tad-data fit-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet ta' verifika u ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.***
3. ***Il-Kummissjoni għandha tkun il-kontrollur tad-data fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fir-reġistru, il-pjattaforma kollaborattiva online, is-sistema ċentrali ta' ġbir online msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, u l-ġbir tal-indirizzi tal-posta elettronika.***

4. Id-data personali pprovduta fid-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandha tinġabar għall-fini tal-operazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-ġbir u l-ħżin skont l-Artikoli 9 sa **11**, għall-preżentazzjoni lill-Istati Membri, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 12, u għall-verifiki ta' kwalità meħtieġa u analiżi statistika.
5. Il-grupp ta' organizzaturi u l-Kummissjoni Ewropea, kif xieraq, għandhom jeqirdu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati għal inizjattiva u kull kopja tagħhom mhux aktar tard minn xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13 jew mhux iktar tard minn **21** xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni. Madankollu, fejn inizjattiva tiġi rtirata wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u kull kopja tagħhom għandhom jinqerdu mhux aktar tard minn xahar wara l-irtirar imsemmi fl-Artikolu 7.
6. L-awtorità kompetenti għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom kollha mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-ħruġ ta' ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 12(5).

7. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kopji tagħhom jistgħu jinżammu wara l-limiti taż-żmien stipulati fil-paragrafi 5 u 6 jekk ikun meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti legali jew amministrattivi relatati ma' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Huma għandhom jinqerdu mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' għeluq ta' dawn il-proċedimenti b'deċiżjoni finali.
8. Il-Kummissjoni u l-grupp ta' organizzaturi għandhom jeqirdu r-rekords tal-indirizzi elettroniċi miġbura skont l-Artikolu 18(2), mhux aktar tard minn xahar wara l-irtirar ta' inizjattiva jew 12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' ġbir jew mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni, rispettivament. Madankollu, fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi, permezz ta' komunikazzjoni, l-azzjonijiet li biġsibha tiegħu skont l-Artikolu 15(2), ir-rekords ta' indirizzi tal-posta elektronika għandhom jinqerdu sa mhux iktar tard minn tliet snin wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni.
9. Bla ħsara għad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, il-membri tal-grupp ta' organizzaturi għandhom id-dritt li jitolbu li d-data personali tagħhom titneħħa mir-reġistru wara sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva kkonċernata.

Artikolu 20

Awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri

1. Għall-fini tal-Artikolu 11, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli biex toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 11(3).
2. Għall-fini **■ tal-Artikolu 12**, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti **fl-Artikolu 12(5)**.
3. Sal-1 ta' Jannar 2020, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet maħtura skont il-paragrafi 1 u 2 lill-Kummissjoni. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe aġġornament ta' dik l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet maħtura skont il-paragrafi 1 u 2 pubblikament disponibbli fir-reġistru.

Artikolu 21

Komunikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika bid-dispożizzjonijiet speċifiċi li jadotta sabiex jimplimenta dan ir-Regolament lill-Kummissjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed dawn id-dispożizzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fir-reġistru fil-lingwa tal-komunikazzjoni mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.

KAPITOLU IV

ATTI DELEGATI U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 22

Proċedura tal-kumitat

1. Għall-fini tal-implementazzjoni tal-Artikolu 11(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23

Setgħat delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 sabiex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rilevanti għal dawk l-Annessi.

Artikolu 24

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 23 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *ħames snin* minn ...[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi perjodikament il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, u kull *erba'* snin minn hemm 'il quddiem.

Dawn ir-rapporti għandhom ikopru wkoll l-età minima għall-appoġġ tal-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej fl-Istati Membri. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Artikolu 26

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Dispożizzjoni tranżitorja

Artikoli 5 sa 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 għandhom ikomplu japplikaw wara l-1 ta' Jannar 2020 għall-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li huma rreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2020.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Madankollu, l-Artikoli 9(4), 10, 11(5), u 20 sa **24** japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESSI

ANNESS I

Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru

Il-Belġju	15 771
Il-Bulgarija	12 767
Iċ-Ċekja	15 771
Id-Danimarka	9 763
Il-Ġermanja	72 096
L-Estonja	4 506
L-Irlanda	8 261
Il-Ġreċja	15 771
Spanja	40 554
Franza	55 574
Il-Kroazja	8 261
L-Italja	54 823
Ċipru	4 506
Il-Latvja	6 008
Il-Litwanja	8 261
Il-Lussemburgu	4 506

L-Ungerija	15 771
Malta	4 506
In-Netherlands	19 526
L-Awstrija	13 518
Il-Polonja	38 301
Il-Portugall	15 771
Ir-Rumanija	24 032
Is-Slovenja	6 008
Is-Slovakkja	9 763
Il-Finlandja	9 763
L-Iżvezja	15 020
Ir-Renju Unit	54 823

ANNEX II

INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' INIZJATTIVA

1. It-titolu tal-inizjattiva, f'mhux aktar minn 100 karattru;(*)
2. ***L-objettivi*** tal-inizjattiva li fuqha l-Kummissjoni tkun mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn **1100** karattru ***mingħajr spazji; (medja aġġustata għal kull lingwa(*))***;

Il-grupp ta' organizzaturi jista' jipprovdi anness dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva, f'mhux aktar minn 5000 karattru mingħajr spazji (medja aġġustata għal kull lingwa(*));

Il-grupp ta' organizzaturi jista' jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva. Jekk jixtieq, jista' wkoll jippreżenta abbozz ta' att legali;
3. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati meqjusa rilevanti mill-grupp ta' organizzaturi għall-azzjoni proposta;
4. L-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet u d-dati ta' twelid ta' seba' membri tal-grupp ta' organizzaturi li jirrisjedu f'seba' Stati Membri differenti b'indikazzjoni speċifika tar-rappreżentant u s-sostitut kif ukoll l-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefon tagħhom¹;

Jekk ir-rappreżentant u/jew is-sostitut mhumiex fost is-seba' membri msemmiya fl-ewwel subparagrafu, l-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet, id-dati tat-twelid, l-indirizzi tal-posta elettronika u n-numri tat-telefon tagħhom.

¹ Fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni, huma biss l-ismijiet sħaħ tal-membri tal-grupp ta' organizzaturi, il-pajjiż ta' residenza tar-rappreżentant jew, fejn xieraq, l-isem u l-pajjiż tas-sede tal-entità ġuridika, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u l-finanzjament ser ikunu disponibbli għall-pubbliku. ***Suġġetti tad-data huma*** intitolati joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-data personali ***tagħhom*** għal raġunijiet leġittimi aċċettabbli relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom

5. Id-dokumenti li juru l-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet u d-dati ta' twelid ta' kull wieħed/waħda mis-seba' membri msemija fil-punt 4 u tar-rappreżentant u s-sostitut, jekk ma jkunux fost dawk is-seba' membri;

6. L-ismijiet tal-membri l-oħra tal-grupp ta' organizzaturi;
7. Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) .../...⁺, fejn xieraq, id-dokumenti li jipprovaw il-ħolqien ta' entità ġuridika f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' Stat Membri speċifikament għall-fini ta' ġestjoni ta' inizjattiva partikolari u li l-membri tal-grupp ta' organizzaturi maħtura bħala r-rappreżentant tiegħu għandu s-setgħa jaġixxi f'isem l-entità ġuridika.
8. Is-sorsi kollha ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattiva fil-ħin tar-reġistrazzjoni.¹

(*) Il-Kummissjoni tipprovdi t-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ta' dawn l-elementi, għall-inizjattivi rreġistrati kollha.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

ANNEX III

DIKJARAZZJONI TA' FORMOLA TA' APPOĠĠ — Parti A¹
(għall-Istati Membri li ma jirrikjedux il-provediment ta' parti minn numru ta' identifikazzjoni personali / numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali)

Il-kaxxi kollha f'din il-formola huma obbligatorji.

TRID TIMTELA MINN QABEL MILL-GRUPP TA' ORGANIZZATURI:

1. Il-firmatarji kollha f'din il-formola huma ċittadini ta':

Jekk jogħġbok immarka biss Stat Membru wieħed għal kull lista.

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: 3. Dati ta' bidu u tmiem tal-perjodu ta' ġbir:

4. Indirizz ta' sit web ta' din l-inizjattiva ta' ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea:

☐

5. Titolu ta' din l-inizjattiva:

6. Għanijiet tal-inizjattiva:

7. Ismijiet u indirizzi tal-posta elettronika ta' persuni ta' kuntatt reġistrati:

[Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) .../...⁺, fejn xieraq, addizzjonalment: l-isem u l-pajjiż tas-sede tal-entità ġuridika]:

8. Is-sit web ta' din l-inizjattiva (jekk jeżisti):

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI:

"B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdejt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajt diġà din l-inizjattiva."

ISMIJET SĦAĦ	KUNJOMIJET	RESIDENZA ² (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż)	DATA TAT-TWELID	DATA	FIRMA ³
--------------	------------	--	--------------------	------	--------------------

¹ Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. Il-grupp ta' organizzaturi jista' juża folji miż-żewġ naħat. Sabiex jiġu mtella' d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura fil-forma ta' karta fis-sistema ċentrali ta' ġbir online juntuża kodiċi li jingħata għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

² ***Iċ-ċittadini Ġermaniżi li jgħixu barra l-pajjiż biss jekk ikunu rreġistraw ir-residenza permanenti attwali tagħhom fir-rappreżentazzjoni diplomatika Ġermaniża reponsabbli tagħhom barra mill-pajjiż.***

³ Il-firma mhijiex mandatorja jekk il-formola tkun ippreżentata online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) .../...⁺ jew sistema individwali ta' ġbir online kif imsemmi fl-Artikolu 11 tal-imsemmi Regolament.

Stqarrija ta' privatezza⁴ għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata jew permezz ta' sistemi individwali ta' ġbir online:

Skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), id-data personali tiegħek ipprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u se tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Inti għandek id-dritt li titlob lill-grupp ta' organizzaturi ta' din l-inizjattiva, l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.

Id-data tiegħek se tinħażen mill-grupp ta' organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea jew 21 xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, liema minnhom tiġi l-ewwel. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn xahar wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li jressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem l-awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru tiegħek ta' residenza abitwali, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.

Ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva jew, fejn xieraq, l-entità ġuridika maħluqa minnu, huwa/hija l-kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji mogħtija f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (jekk hemm) huma disponibbli fl-indirizz tal-web ta' din l-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni, kif previst fil-punt 4 ta' din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali li se jirċievu u jipproċessaw id-data personali tiegħek u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection>.

Stqarrija ta' privatezza għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin online permezz ta' sistema ċentrali ta' ġbir online:

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), id-data personali tiegħek pprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u se tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Inti għandek id-dritt li titlob mill-Kummissjoni Ewropea u mir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva jew, fejn adatt, l-entità ġuridika maħluqa minnu, l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.

Id-data tiegħek se tinħażen mill-Kummissjoni Ewropea għal perjodu massimu ta' żamma ta' xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea jew 21 xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn xahar wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li tressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għas-Superviżjoni tad-Data jew quddiem awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru ta' residenza abitwali tiegħek, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva jew, fejn adatt, l-entità ġuridika maħluqa minnu, huma kontrolluri konġunti skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji pprovduti f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-grupp ta' organizzaturi (jekk ikun hemm) huma disponibbli fl-indirizz web ta' din l-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst fil-punt 4 ta' din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Kummissjoni Ewropea, tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek, tal-Kontrollur Ewropew għas-Superviżjoni tad-Data u tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data jistgħu jiġu kkonsultati fuq: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection?lg=mt>.

⁴ Waħda biss miż-żewġ verżjonijiet proposti ta' stqarrijet ta' privatezza għandha tkun użata, skont il-metodu ta' ġbir.

DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ — Parti B¹
(for Member States that require the provision of a personal identification number / personal identification document number)

Il-kaxxi kollha f'din il-formola huma obbligatorji.

TRID TIMTELA MINN QABEL MILL-GRUPP TA' ORGANIZZATURI:

1. Il-firmatarji kollha f'din il-formola huma ċittadini ta':

Jekk jogħġbok immarka biss Stat Membru wieħed għal kull lista.

Ara s-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għan-numri ta' identifikazzjoni personali / numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali, li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom.

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: 3. Dati ta' bidu u tmiem tal-perjodu ta' ġbir:

4. Indirizz ta' sit web ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea:

5. Titolu ta' din l-inizjattiva:

6. Għanijiet tal-inizjattiva:

7. Ismijiet u l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt:

[Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) .../...⁺, fejn xieraq, , addizzjonalment: l-isem u l-pajjiż tas-sede tal-entità ġuridika]:

8. Is-sit web ta' din l-inizjattiva (jekk jeżisti):

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI:

"B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdajt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajt diġà din l-inizjattiva."

ISMIJET SĦAĦ	KUNJOMIJET	NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI/ NUMRU TAD-DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI /	TIP TA' NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI JEW DOKUMENT	DATA	FIRMA ²

Stqarrija ta' privatezza¹ għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata  jew permezz ta' sistemi individwali ta' ġbir online:

¹ Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. Il-Grupp ta' Organizzaturi jista' juża folja miż-żewġ naħat. Sabiex jiġi mtella' d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura fil-forma ta' karta fis-sistema ċentrali ta' ġbir online għandu jintuża kodiċi li jingħata għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

² Il-firma mhijiex mandatorja jekk il-formola tkun ippreżentata online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) .../...⁺ jew sistema individwali ta' ġbir online kif imsemmi fl-Artikolu 11 tal-imsemmi Regolament.

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), id-data personali tiegħek pprovduta f'din il-formola **se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u se tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Inti għandek id-dritt li titlob mill-grupp ta' organizzaturi ta' din l-inizjattiva l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.**

Id-data tiegħek se tinħażen mill-grupp ta' organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea jew 21 xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn xahar wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li tressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għas-Superviżjoni tad-Data jew quddiem awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru ta' residenza abitwali tiegħek, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva jew, fejn adatt, l-entità ġuridika mahluka minnu, huma kontrolluri konġunti skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji pprovduti f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-grupp ta' organizzaturi (jekk ikun hemm) huma disponibbli fl-indirizz web ta' din l-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif ipprovdut fil-punt 4 ta' din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Kummissjoni Ewropea, tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek, tal-Kontrollur Ewropew għas-Superviżjoni tad-Data u tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data jistgħu jiġu kkonsultati fuq:: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection?lg=mt>.

¹ Waħda biss miż-żewġ verżjonijiet proposti ta' stqarrijiet ta' privatezza għandha tkun użata, skont il-metodu ta' ġbir.

ANNESS IV

ĊERTIFIKAT LI JIKKONFERMA L-KONFORMITÀ TA' SISTEMA TA' ĠBIR ONLINE MAR-
REGOLAMENT (UE).../...⁺ TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TA'⁺⁺ DWAR
L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

... (isem tal-awtorità kompetenti) ta' ... (isem tal-Istat Membru) b'dan tiċċertifika li s-sistema
individwali ta' ġbir online ... (indirizz tas-sit web) li tintuża għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta'
appoġġ għal ... (titolu tal-inizjattiva) li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni (numru ta' reġistrazzjoni
tal-inizjattiva) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament
Ewropew tal-Kunsill ta' ...⁺⁺ dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

ANNESS V

FORMOLA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' DIKJARAZZJONIJIET TA' APPOĠĠ LILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-ISTATI MEMBRI

1. Ismijiet sħaħ, indirizzi postali u indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt (ir-rappreżentant u s-sostitut tal-grupp ta' organizzaturi) jew tal-entità ġuridika li tiġġestixxi l-inizjattiva u r-rappreżentant tagħha:
2. Titolu tal-inizjattiva:
3. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:
4. Data ta' reġistrazzjoni:
5. Għadd ta' firmatarji li huma ċittadini ta' (isem tal-Istat Membru):
6. Għadd totali ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura:
7. Għadd ta' Stati Membri fejn intlaħaq il-limitu:
8. Annessi:

(Inkludi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha mill-firmatarji li huma ċittadini tal-Istat Membru rilevanti.

Jekk applikabbli, inkludi ċ-ċertifikat rilevanti ta' konformità tas-sistema individwali ta' ġbir online mar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...⁺⁺ dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.)

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

9. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta u li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ inġabru f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...⁺⁺ dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
10. Data u firma ta' waħda mill-persuni ta' kuntatt (rappreżentant/sostitut¹) jew tar-rappreżentant tal-entità legali:

¹ Ħassar kif meħtieġ.

ANNEX VI

ĊERTIFIKAT LI JIKKONFERMA N-NUMRU TA' DIKJARAZZJONIJIET TA' APPOĠĠ VALIDI MIĠBURA GĦAL ... (ISEM TAL-ISTAT MEMBRU)

(isem tal-awtorità kompetenti) ta' ... (isem tal-Istat Membru), wara li għamlet il-verifiki neċessarji mitluba mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...⁺⁺ dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, b'dan tiċċertifika li ... (numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi) dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva bin-numru ta' reġistrazzjoni (numru ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva) huma validi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

Data, firma u bolla uffiċjali

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

ANNEX VII

FORMOLA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' INIZJATTIVA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

1. Titolu tal-inizjattiva:
2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:
3. Data ta' reġistrazzjoni:
4. Għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura (għandu jkun mill-inqas miljun):
5. Numru ta' firmatarji ċertifikati mill-Istati Membri:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU
Għadd ta' firmatarji																
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL			
Għadd ta' firmatarji																

6. Ismijiet sħaħ, indirizzi postali u indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt (ir-rappreżentant u s-sostitut tal-grupp ta' organizzaturi)² jew tal-entità legali li tiġġestixxi l-inizjattiva u r-rappreżentant tagħha.
7. Indika s-sorsi kollha tal-appoġġ u l-finanzjament riċevuti għall-inizjattiva, inkluż l-ammont tal-appoġġ finanzjarju fil-ħin tal-preżentazzjoni.
8. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola hija korretta u li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati fir-Regolament (UE) ...⁺ tal-

² Fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni ser ikunu disponibbli għall-pubbliku biss l-ismijiet sħaħ tal-membri tal-grupp ta' organizzaturi, il-pajjiż ta' residenza tar-rappreżentant jew, fejn xieraq, l-isem u l-pajjiż tas-sede tal-entità ġuridika, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u tal-finanzjament. Is-suġġetti tad-data huma intitolati joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-data personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi aċċettabbli relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill ...⁺⁺ dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ġew osservati.

Data u firma ta' waħda mill-persuni ta' kuntatt (rappreżentant/sostitut³) jew tar-rappreżentant tal-entità legali:

9. Annessi: (Inkludi ċ-ċertifikati kollha).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

³ Ħassar kif meħtieġ.